# NITKELLMU MA' LINA BROCKDORFF



OMAR SEGUNA / pagnaletterarja@gmail.com




*1. Il-qarrejja ta' din il-paġna spiss jistaqsu għal kotba bi stil li hu mexxej, u mingħajr ħafna komplikazzjonijiet żejda, imma fl-istess ħin kotba ta' kwalità. U din hija proprja waħda mir-raġuni għal din l-intervista. Huma l-qarrejja stess fil-fatt li staqsewni sabiex inġib xi kotba tiegħek u forsi jsiru jafuk ftit aħjar. Xtaqt għalhekk nibda din l-intervista b'mod forsi ftit differenti mis-soltu, billi nsaqsik dwar dan l-istil partikolari tiegħek li ninnutah f'ħafna mill-kitbiet tiegħek. Kif jirnexxielek iżżomm bilanċ bejn kitba ta' kwalità, ħadma tajba tal-Malti u sempliċi biex ngħid hekk fl-istess ħin?*

T. Veru li għalija l-kitba hija l-aktar passatemp għal qalbi, imma aktar minn hekk inħares lejha bħala arti. Kull darba li nħoss fija l-ġibda jew xewqa li nibda xi kitba bejn nifraħ u bejn nibqa' ftit lura għax naf li għalija ġejja sfida. Inħoss min jimbuttani biex infittex innizżel ħsibijieti u min-naħa l-oħra naf li mhux lesta biex naċċetta kulma jiġi f'moħħi mill-ewwel. Kull qasam tal-arti kemm jekk hi l-mużika, il-pittura jew semmi li trid, dawn kollha għandhom ir-regoli tagħhom biex tassew jissejħu artistiċi. L-istess il-kitba. Mhux kulma jiġi f'rasi jew kull sentenza li nlissen fil-ħajja ta' kuljum ma' dawk ta' madwari nista' nsejjaħlu kitba tajjeb jew letterarju. Jeħtieġ li norqom kulma jkun biħsiebni nikteb b'lenti qawwija biex minnu noħroġ dak li skont jien – għax dan dejjem jiddependi fuq lenti personali - jkun tassew miktub tajjeb u ġenwin, mhux repetizzjoni, li jinstema' sabiħ għall-widna tant li jħajrek tkompli taqra, jagħmel sens u jirrispetta l-kultura Maltija li fiha ngħixu. Aktar minn hekk nippjana li dak li ser nikteb ikun jappella b'xi mod lill-qarrej.

*2. Ninnota wkoll li fil-kitba tiegħek hemm ċerta fantażija u seħer, imma fl-istess ħin tibqa' fattwali u realistika. Donnu anke hawn hemm dan il-bilanċ...*

T. Nipprova dejjem inżomm saqajja mal-art, illum li kbirt, anzi nista' ngħid li xjaħt għandi esperjenza ġmielha ta' dak li tagħti l-ħajja. Ma nista' bl-ebda mod ninqata' minn din ir-realtà. Ma nistax nibbaża storja fuq xi ħadd li xejjer daqqa ta' sikkina lil sieħbu u minflok demm ħareġ żejt. Tkun ġrajja ridikola kemm tridha. Inkun qed nipprova ngħaddi lill-qarrej biż-żmien, għax waqt li dan qed jaqra biex għal ftit sekondi jinsa l-problemi tiegħu, żgur li mhux ser jaċċetta vavati bħal dawn. Fl-istess ħin nammetti wkoll li l-ħajja ma fihiex biss xewk; għax dejjem, qalb kull tip ta' xewk ikrah u kiefer, tfeġġ xi warda. Jista' jkun li ndumu nfittxu dik il-warda, jista' jkun li nsibuha biss wara li nkunu kważi qtajna qalbna għalkollox, imma hemm tkun. Allura nipprova nżewwaq il-ġrajjiet li waqt li drabi jniggżu xi ftit l-emozzjoni tal-qarrej fl-istess ħin malli fl-aħħar jirnexxilek tilmaħ dak il-lewn delikat u xxomm dik il-fwieħa tal-warda inti tinsa kollox.

*3. Lina, jien sirt nafek għall-ewwel darba waqt li kont qed insegwi l-Kors fil-Baċellerat tal-Arti fl-Istudji Reliġjużi fl-Università. Inti fil-fatt anke komplejt tistudja u ksibt il-Maġisteru fl-2002. Ikolli ngħid li nqisek bħala ispirazzjoni għal ħafna f'dak li għandu x'jaqsam ma' tagħlim tul il-ħajja. Mistoqsija, li għalkemm m'għandhiex x'taqsam mal-letteratura ma nistax ma nsaqsikx hija dwar l-importanza li wieħed jibqa' jistudja u jżomm ruħu attiv.*

T. L-istudju għadni nħobbu u ma naqtax qalbi minnu. Jista' jkun li kien il-fatt li għal tliet snin fi tfuliti kont imċaħħda minnu minħabba l-gwerra li jġenninni l-aktar għal warajh. Hawn tant oqsma ta' xjenzi sbieħ li llum issibhom mhux biss fil-kotba imma saħansitra malli tagħfas il-buttuni tal-*keyboard*. Qatt fl-istorja tad-dinja ma konna daqshekk ixxurtjati u mfissdin, ħasra min jagħti bissieq ċans bħal dan u ma jaqbadx suġġett għal qalbu u jistudjah. Kont ili mxenqa li mmur l-Università sa minn tfuliti, imma ċ-ċirkustanzi kkaġunati parti mill-gwerra u parti mill-faqar li fih wara li tlifna darna darbtejn qatt ma ppermettili nirfes l-għatba tal-Università. Imma bqajt ngħożż dik il-ħolma li wasalt għaliha biss wara li għalaqt is-sittin sena. Ma qtajtx qalbi u ma jiddispjaċinix għax kull ma titgħallem isir biċċa minnek. Mhumiex il-flus, il-vilel u l-karozzi lussużi li jkabbru l-bniedem. It-tagħlim biss huwa dik ir-rikezza li jgħolli l-bniedem.

*4. Minn dak in-nhar inti ma waqaftx tikteb. Tajtna numru sabiħ ta' rumanzi u kotba oħrajn. Insemmi fost oħrajn "Bellus u Bizzilla" u "Kien Kwinta L-Qamar" fl-2008, "La jerġa' jasal Diċembru" fl-2010, "Kastell għal Klara", fl-2012, "Meta jħammar il-Peprin", fl-2013 u oħrajn. F'din id-diversità kollha b'xi mod kull ktieb nara dak l-aspett li jiddistingwik minn awturi oħra. Fil-kotba kollha hemm bosta emozzjonijiet qawwija u forsi l-imħabba li hija ċentrali tinfluwenza ħafna mid-deċiżjonijiet li nieħdu.*

T. Sewwa qed tgħid, Omar. Għalija l-imħabba hija l-fus li madwarha dejjem iddur l-istorja jew ir-rumanz; fl-istess ħin ilkoll nammettu li l-imħabba taf tgħaddik min-nar, tweġġgħak u tħallik bla nifs. B'dan kollu, min tassew iħobb ma jaqta' qalbu qatt ukoll jekk ma jsibx mill-ewwel min jirritornalu dik l-imħabba bl-istess intensità u fedeltà. Fuq kollox, x'hemm isbaħ mill-imħabba fid-dinja!

## Il-ġebla mgerrba

Il-ġebla mgerrba.
Il-qabar vojt.
"Lil min qed tfittxu –
mhux hawn."

Il-ġebla mgerrba.
"Hawn il-liżar mitluq."
Id-dlam li saltan
keċċieh merżuq.

Il-ġebla mgerrba –
la tmissuhiex.
It-tama li twieldet
la toqtluhiex.

Il-ġebla mgerrba.
Mill-mewt il-ħajja.
"Lil min qed tfittxu –
mhux hawn."
Lil min qed tfittxu
jinsab ġo fikom,
tgerrbux lura l-ġebla,
il-qawmien għalikom,
issa...
il-ġebla mgerrba...

Jesmond Sharples